MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2008

Avviz Numru. 179/2008

**Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru numru 215/05**

**Maltacom PLC**

**Vs**

**Darmenia Jochimsem Fiorentina**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih ir-rikorrenti, Fiorentina Darmenia Jochimsem, wara li ppremettiet illi dan ir-rikors jikkostitwixxi talba ai termini ta' l-Artikolu 238A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi fis-seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2004 giet deciza t-Talba Numru 261/2004 fl-ismijiet Maltacom plc vs Darmenia Jochimsen Fiorentina mit-Tribunal ghat-Talbiet Zghar u

f'dawn il-proceduri r-rikorrenti ma gietx innotifikata skond l-artikolu 187 tal-Kap 12.

Illi, apparti li m'hemm l-ebda indikazzjoni tan-numru tal-karta ta' l-identita' tar-rikorrenti fl-atti tat-talba deciza, jidher bic-car mid-dokument annessi mar-rikors li l-ahhar indirizz tar-rikorrenti maghruf mis-socjeta' Maltacom Plc kien dak ta' 183/2, Triq Rudolfu, Tas-Sliema, u m'hux 22, Triq l-Isptar, (recte Sqaq l-Isptar), L-Imqabba;

Illi r-rikorrenti saret taf bil-mandat ricentament (vide Dok B).

Illi b'konsegwenza, ir-rikorrenti gie ingustament u illegalment deprivata mid-dritt taghha li tiddefendi ruhha mill-pretenzjonijiet tas-socjeta' Maltacom PLC, u l-mandat ezekuttiv daqstant jikkostitwixxi azzjoni ingusta u illegali.

Ir-rikorrenti tablet umilment li l-mandat ezekuttiv jithassar.

Rat id-digriet preliminari moghti fl-24 ta' April 2008 (fol 5 tal-istess atti).

Rat ir-risposta tas-socjeta kummercjali GO p.l.c. (fol 9 tal-atti) u li biha esponiet bir-rispett:-

Illum is-socjeta' Maltacom p.l.c. biddlet isimha ghall-GO p.l.c. u dan kif jidher mid-dokument markat GO1.

Illi s-socjeta' GO p.l.c. nhar il-Gimgha 25 ta' April, 2008, irceviet notifika ta' rikors fl-atti tal-mandat fuq citat fejn qed jigi mitlub it-thassir tal-istess sekwestru.

Illi ghalkemm is-socjeta' GO p.l.c.mhijiex edotta mill-kartament kollu li jinsab fil-process, b'dana kollu s-socjeta' tirrileva u tirrispondi b'dan li gej:

Illi l-Artikolu 238 A tal-Kap 12 tal-Ligjiet ta' Malta ma jezistix.

Illi fil-kawza Maltacom p.l.c. versus Darmenia Jochimsen Fiorentina, ir-rikorrenti giet notifikata skond l-Artikolu 187

tal-Kap 12 tal-Ligjiet ta’ Malta u dan kif jidher ampjament mis-sentenza, l-ahhar paragrafu qabel id-decide fejn il-Gudikant irrimarka illi l-konvenuta kienet notifikata regolarment fl-1 ta’ Gunju, 2004.

Illi mid-dokumenti annessi mar-rikors numru 179/08JAB ma jirrizultax illi s-socjeta’ GO p.l.c. bl-isem Maltacom p.l.c. kienet taf l-ahhar indirizz tar-rikorrenti. Filfatt Dok A li huwa estratt mid-direttorju tat-telefon jindika illi certu Darmenia-Jochimsen Fiorentina kellha telefon bin-numru 21213755 ossija 21213756 (ghax il-kopja mhijiex daqstant cara) fl-indirizz indikat. Dok C huwa dokument rilevanti ghal linja tat-telefon bin-numru 689361 (numru li fuqu nqatghet ukoll il-kawza) illi juri illi l-ahhar indirizz maghruf mas-socjeta’ Maltacom p.l.c. fuq dan in-numri huwa dak ta’ 22, Sqaq l-Isptar, Mqabba.

Is-socjeta’ GO p.l.c. titlob bil-qima illi dina l-Onorabbli Qorti ma tilqax it-talba tar-rikorrenti b’rizultat illi l-mandat ezekuttiv jibqa’ in vigore.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, permezz ta’ avviz presentat quddiem it-Tribunal ghat-Talbiet Zghar, is-socjeta’ Maltacom p.l.c. illum GO p.l.c. kienet talbet il-hlas tas-somma in kwistjoni minghand il-konvenuta u dan “in konnessjoni ma servizzi telefonici li ggibu n-numru 21683183 u 21689361 “istallati fil-post 22, Hospital Alley, Mqabba. Kif jidher mill-atti annessi u li jirriferi ghall-avviz numri 261/04JB fl-17 ta’ Frar 2004, il-konvenuta ma’ gietx notifikata bl-avviz in kwistjoni ghax “unclaimed”. L-istess gara fil-15 ta’ April 2004 peress li, skond ir-riferta tal-Marixxal Andrew Grixti “Ma fetah hadd (Gejt informat li <u>Immuvjat</u>)”. Sussegwentement, it-Tribunal kien akkolja t-talba sabiex il-konvenuta tigi notikata permezz tal-procedura skond l-artikolu 187 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet tal-Malta, presumilment b’riserva ghas-subinciz (3). Difatti mill-atti jidher li saret in-notifika

tal-konvenuta bi publikazjoni f'Gazzetta Lokali u fil-Gazzetta tal-Gvern oltre permezz ta' affisjoni mal-partijiet hemm indikati. Jigi notat illi kienet saret affissjoni mitluba mar-residenza tal-konvenuta fis-26 ta' Mejju 2004 indikata bhala fl-Imqabba fejn, pero' skond ir-riferta hawn fuq imsemmija l-istess konvenuta ma kienetx ghadha tirrisjedi. Konsegwentement, fis-seduta tal-14 ta' Gunju 2004, il-konvenuta ma kienitx dehret quddiem it-Tribunal u gie presentat kapitolu ghas-subizzjoni taghha. Minhabba li l-konvenuta ma dehritx lanqas fis-seduta sussegwenti li nzammet fl-24 ta' Gunju 2004, u ghalhekk it-talba kienet giet milqugha 'in kontumacia'.

Ikkunsidrat

Illi in esekuzzjoni ta' din id-decizjoni gie presentat mandat ta' sekwestru esekuttiv (ara fol 17 et seq ibid), cjoe dak in esami.

Ikkunsidrat

Illi dan ir-rikors hu bazat fuq l-artikolu 283A tal-Kapitolu 12 citat (u mhux fuq l-artikolu 238A kif erroneament hemm imnizzel fir-rikors promotur) liema artikolu jghid illi min jinhareg kontrih att ezekuttiv jista' jaghmel rikors … fejn jitlob li l-att ezekuttiv jithassar sew ghal kollox sew f'parti minnu biss, ghal raguni valida skond il-ligi. Dwar dan tal-ahhar is-socjeta' intimata tikkontendi illi dan ghandu jkun limitat kemm il-darba l-mandat ezekuttiv jkun nhareg minn Qorti sbaljata jew jinstab difett fil-forma (ara ukoll is-sentenza esebita in atti a fol 51 et seq ibid). F'dan il-kaz, ma hux mehtieg illi din il-Qorti tghid jekk taqbilx o meno mal-interpretazzjoni hekk ristretta moghtija fis-sentenza li ghadha kemm issemmiet u dan in vista ta'dak li ser jinghad.

Ikkunsidrat

Illi l-kaz tar-rikors promotur jidher li hu n-nuqqas ta'notifika skond il-ligi tal-avviz li bih gew istitwiti l-proceduri kontra l-intimata odjerna quddiem it-Tribunal kompetenti kif gie premess, in-notifika kienet saret permezz tal-procedura kif

spjegata fl-artikolu 187(3) gja citat. Dwar l-istess notifika, il-Qorti ghandha riserva dwar jekk l-affissjoni saritx b'mod validu o meno stante li hemm indizji illi l-istess rikorrenti ma kienitx fiz-zmien in esami, ghadha tirisjedi fl-Imqabba. Pero jigi sottolineat, ukoll, illi, f'dan l-istadju din il-Qorti ma tistax tidhol f'dak li jirrigwarda l-validita o meno tas-sentenza msemmija u ghalhekk trid, bilfors, tikkonsidra l-istess sentenza bhala valida ghal kull effett u fini fil-ligi. Bhala konsegwenza ta' dan, il-mandat in esami ghandu jigi konsiderat bhala wiehed li "…inhareg fuq il-bazi li t-titolu ezekuttiv ghadu fis-sehh" (ara fol 54 ibid), u li minn esami tieghu jidher li nhareg mill-Qorti kompetenti wara id-debita kollazzjoni u skond il-ligi, 'in materia'. Illi ghalhekk il-mandat in esami ma jistax jithassar.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad it-talba in esami bl-ispejjes jithallsu mill-istess rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------